MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2327/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Joseph Zahra**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00) rapprezentanti mport ta' tlett (3) kambjali li d-data ta' maturita' taghhom skadiet u imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess kambjali sad-data tal-prprezentata tal-Avviz.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------